## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2015

Appell Nru: 161/2014

Il-Pulizija

Vs

Nazzareno Bonello

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nazzareno Bonello detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 66663M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' 07.20hrs, fi Triq Ross, San Giljan:

1. Hebb kontra Mark Fenech Laudi u kkagunalu girehi ta' natura hafifa, skond ma' ccertifika Dr. Carl Tua MD reg. No. 5474;
2. U aktar talli volontajrament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe in-nuccali ta' Mark Fenech Laudi liema hsara tammonta ghal 275 Euros.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 221(1), 325(1)(b), 383 u 28A u 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu komplessivament ghal xahar prigunerija sospizi ghall-sena, hlas tal-hsara kagjonata fl-ammont ta' €275 fi zmien sitt xhur (artikolu 28H Kapitolu 9) u imponiet fuq l-appellant obbligazzjoni biex tipprovdi ghas-sigurta tal-kwerelant fl-ammont ta' €1000 ghal zmien tnax-il xahar skond l-artikolu 383 Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nazzareno Bonello, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' April, 2014, talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u ssib lill-appellanti mhux hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni kontra tieghu f'dan ir-rigward.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant qieghed jillimita l-appell tieghu ghas-sejbien ta' htija dwar it-tieni akkuza, igifieri dik tal-hsara volontarja fin-nuccali tal-kwerelant u ma hu bl-ebda mod jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar l-ewwel akkuza. Mill-provi mismugha jemergi illi l-appellant, dak iz-zmien urtat mill-fatt illi l-kwerelant kien qieghed jiffrekwenta lill-martu mar fejn ir-residenza tal-istess kwerelant u

malli hareg aggredieh u kkawzalu feriti ta' natura hafifa kif debitament certifikat. Kif gia senjalat, l-appellant la jikkontesta dan il-fatt u wisq anqas is-sejbien ta' htija in rigward mill-Ewwel Qorti. L-istess appellant, izda jinsab cert illi l-kwerelant ma kienx liebes nuccali fil-hin tal-incident. L-kwerelant xehed quddiem din il-Qorti illi huwa qala' daqqiet, fost ohrajn, f'wiccu u meta hareg mid-dar kien liebes in-nuccali u wara l-incident il-garr tieghu, xhud f'din il-kawza, dahhlu d-dar u wara akkumpanjah l-isptar u l-ghassa tal-pulizija. Waqt li kien l-ghassa, staqsa lill-Pulizija jekk ghandux izomm in-nuccali u t-twegiba kienet li ma kienx hemm htiega ta' dan la darba urieh lill-Pulizija. Il-garr tal-kwerelant, Anthony Stivala, xehed illi wara l-incident l-kwerelant ra illi n-nuccali tieghu ma kienx fil-*pouch* u ghalhekk hareg ifittixxlu hu stess in-nuccali u sabu taht karozza b'sieq miksura u mghawweg. PS 1245 xehed permezz ta' affidavit u jghid biss illi l-kwerelant kien rraporta li waqt l-incident, l-appellant kien kissirlu n-nuccali. L-appellant jghid illi huwa zgur illi ma avvicina lill-kwerelant zgur li ma kienx liebes nuccali;

Ikkunisdrat illi fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat ghal kollox il-kunflitt lampanti fid-deposizzjoni tal-kwerelant li jghid li n-nuccali spicca mghaffeg u mkisser u dik ta' Anthony Stivala li jghid li n-nuccali kellu sieq miksura. Quddiem din il-Qorti, izda, ma rrizulta ebda tali konflitt u wisq anqas dwar jekk l-kwerelant kienx liebes in-nuccali jew le. Ma hemm xejn insolitu li bniedem izomm in-nuccali f'idejh jew f'*pouch* specjalment meta dan mhux indispensabbli fl-attivita' giornaljiera tieghu. Dan in-nuccali seta kien fil-*pouch* tal-kwerelant u mal-agressjoni spicca mkisser u huwa inutili ghall-appellant li jsostni li f'dan il-hin ma kienx f'wiccu. U tenut kont tal-feriti subiti bid-daqqiet f'wicc il-kwerelant, allura huwa b'xorti ghalih li n-nuccali ma kienx f'wiccu dak il-hin;

Illi fit-tieni aggravju, l-appellant jghid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza elementi ezzenzjali tax-xhieda tal-vittma u dan dejjem dwar l-insistenza tieghu

li l-kwerelant ma kienx liebes nuccali fil-hin tal-incident. Din il-Qorti, izda, ezaminati l-provi migjuba quddiemha ma ghandha xejn x'izzid ma dak appena kunsidrat fir-rigward tal-ewwel aggravju;

It-tielet aggravju jirrigwarda l-valur tal-hsara subita mill-kwerelant fl-ammont ta' €275 u li dwarhom kien misjub hati meta d-dokumenti esebit juru, jekk xejn, *quotation* ta' €225. L-kwerelant ma kien qed jitlob l-ebda kumpens ghall-medica minnu mixtrija fl-ammont ta' €19.98 u anqas jekk tghodd dawn iz-zewg ammonti flimkien ma jammontaw ghall-€275. L-appellant ghandu ragun dwar dan ghaliex ghad illi huwa kien akkuzat bi hsara volontarja fl-ammont ta' €275, l-kwerelant esebixxa biss *quotation* fl-ammont ta' €225 u ghalhekk l-Ewwel Qorti, li strahet fuq din il-prova, qatt ma setghet issib htija f'dak l-ammont, izda, f'ammont ridott, dejjem skond dak ravvizat fl-artikolu 325(1)(b) Kap 9 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat;

Dan l-argument izda huwa marbut ma dak li jsegwi dwar l-ahhar aggravju fejn l-appellant isostni li stima ta' hsarat ma kellhiex tammonta bhala prova fit-termini tal-artikolu 325 tal-Kap 9. L-appellant ghandu ragun ukoll dwar dan. Huwa jghid illi l-Pulizija ra n-nuccali mkisser izda fl-affidavit tieghu l-ufficcjal qatt ma kkonferma tali hsara. Inoltre, l-kwerelant esebixxa biss stima u bhala tali, din ma tammontax ghall-ahjar prova. Fis-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija –vs- Joseph Zahra App Krim 24.2.2003** rriteniet illi stima hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Issa fil-kaz, odjern, l-kwerelant la esebixxa n-nuccali, wisq anqas ritratt tieghu, haga li certament kienet tkun wahda facli, u anqas il-konferma ta' min hareg l-istima, jekk din setghet kellha xi valur probatorju. L-Ewwel Qorti ghalhekk qatt ma setghet ragjonevolment tasal ghall konkluzzjoni ta' sejbien ta' htija dwar it-tieni akkuza u l-ahhar aggrajvu qieghed ghalhekk ikun milqugh filwaqt illi l-ewwel tlett aggravvji qed ikunu michuda.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe' billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu ghall-terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghall-sena u ordnatlu jhallas il-hsara fi zmien sitt xhur u **minflok issib lill-imputat Nazzareno Bonello hati biss skond l-ewwel imputazzjoni u tilliberah mit-tieni imputazzjoni, u wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kodici Krimilai Kapitolu 9 , qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum fit termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijet ta' Malta.**

**Il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mark Fenech Laudi, qed tobot lill-appellant b'obbligazzjoni taht penali ta' elf euro (€1000) ghal- zmien tnax-il xahar mil-lum u dan zi termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9.**

Il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car l-obbigi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.